Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,841, 9 ta' Diċembru, 2011
Taqsima B

A.L. 472 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 483 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li huma profiċjenti fil-Lingwa Maltija u li għandhom dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor fil-Psikoloġija miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq), jew kwalifika ekwivalenti minn din jew minn università oħra; jew

(b) grad ta' Bachelor fil-Psikoloġija jew grad ta' Bachelor bil-Psikoloġija bħala l-qasam ewlieni ta' studju, fiż-żewġ każijiet miksuba tal-anqas b'Kategorija IIA jew grad ieħor f'qasam relatat miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq), sakemm li l-applikanti kollha li japplikaw skont it-termini ta' dan il-paragrafu jkunu jew kisbu 60 krettu ECTS fil-Psikoloġija, kif approvat mill-Bord, wara l-għoti tal-grad tagħhom, jew ikunu kisbu l-Higher Diploma in Psychology, bi klassifikazzjoni mill-anqas ta' Għadda b'Mertu, li flimkien mal-grad tagħhom ikunu meqjusa bħala komparabbli mal-kwalifika indikata fil-paragrafu (a) ta' dan l-ordinament."